*aggravji dikjarati inammissibbli ai termini tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 għax ma jolqtu l-ebda punt ta' liġi – il-kompetenza tat-Tribunal kif stabbilita permezz tas-subartikolu 75(1) tal-Kap. 452 – ilmenti dwar ksur ta' kundizzjonijiet kuntrattwali ma jaqgħux fil-kompetenza tat-Tribunal – sabiex trattament jiġi meqjus bħala diskriminatorju mhuwiex meħtieġ li f'kull ċirkostanza jkun hemm paragun ma' komparatur – id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 26 tal-Kap. 452 għandhom japplikaw kemm fejn m'hemmx diversi klassijiet ta' mpjegati u kemm fejn hemm*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2023

Appell Inferjuri Numru 15/2023 LM

**William Dingli (K.I. nru. 305372(M))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Gozo Channel Operations Limited (C 76704)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **William Dingli (K.I. nru. 305372(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni [minn issa 'l

quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fit-8 ta' Frar, 2023, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru. 3517/CCG, fejn it-Tribunal ċaħad it-talbiet tiegħu fil-konfront tas-soċjetà intimata **Gozo Channel Operations Limited (C76704**) [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'].

**Fatti**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw l-allegata bidla fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-allegat trattament diskriminatorju mis-soċjetà appellata fil-konfront tal-appellant. Jirriżulta li l-appellant ilu mpjegat mas-soċjetà appellanta għal dawn l-aħħar seba' snin, fejn fl-aħħar għaxar xhur huwa kien qiegħed jokkupa r-rwol ta' PFSO għall-portijiet tal-Imġarr u taċ-Ċirkewwa. Fil-11 ta' Novembru, 2016, is-soċjetà appellata ħabbret internament li kien hemm vakanti l-pożizzjoni ta' *Chief of Security and Senior PFSO,* li skont l-appellant ir-responsabbiltajiet u d-doveri tal-imsemmija pożizzjoni kienu jaqgħu taħtu u huma regolati taħt diversi liġijiet.

**Mertu**

3. L-appellant għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fit-28 ta' Ġunju, 2017 permezz ta' rikors fil-konfront tas-soċjetà intimata, fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex:

> *"1. Jiddikjara li is-sejħa interna surreferita biex jiġi rekrutat "Chief of Security and Senior PFSO" saret b'mod illeċitu, abbużiv u/jew diskriminatorju bil-konsegwenza li hija nulla u bla effett fil-liġi.*

2. *Jiddikjara li is-soċjetà konvenuta għanda tagħti l-awtorità kollha meħtieġa bil-liġi, kif ukoll toffri r-riżorsi kollha meħtieġa bil-liġi lir-rikorrent, biex dan tal-aħħar, ikun jista' jagħmel x-xogħol tiegħu bħala PFSO kif suppost.*

3. *Jagħti kull provvediment ieħor li jista' jkun meħtieġ sabiex jitneħħew l-effetti (passati u futuri) tal-aġir u prattiċi diskriminatorji ai termini tal-istess artikolu 30(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta."*

4. Is-soċjetà appellata wieġbet billi ppreżentat ir-risposta tagħha quddiem it-Tribunal fl-20 ta' Jannar, 2017, fejn eċċepiet is-segwenti:

*"1. Illi fl-ewwel lok u b'mod preliminari huwa sottomess li din m'hijiex il-proċedura idonea li permezz tagħha r-rikorrenti William Dingli kellu jressaq l-ilment tiegħu. Illi fil-fatt il-Ftehim Kollettiv applikabbli għar-rikorrenti, jipprovdi fi klawsola ħdax (11) tiegħu, proċedura ċara li kellha tiġi segwita f'każ li r-rikorrenti kellu xi lment mas-soċjetà esponenti, liema proċedura ma ġiet bl-ebda mod segwita mir-rikorrenti f'dan il-każ. Tali proċedura teskludi wkoll il-kompetenza ta' dan it-Tribunal li jisma' ilmenti ta' din ix-xorta. Kopja ta' dan il-ftehim kollettiv qed jiġi anness bħala Dokument GC1. Għaldaqstant, għandu jiġi dikjarat li din il-proċedura adottata mir-rikorrent hija rritwali, kif ukoll li dan it-Tribunal huwa nkompetenti biex jisma', jittratta u jiddeċiedi dan il-każ.*

2. *Illi fil-mertu tagħhom it-talbiet rikorrenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.*

3. *Illi huwa totalment kontestat li s-soċjetà esponenti aġixxiet b'xi mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti, jew inkella li hija bidlet xi doveri li m'humiex konformi mal-liġi.*

4. *Illi effettivament ir-rwol ta'* Chief of Security and Senior PFSO *huwa possibbli skont ir-regolamenti ta' sigurtà applikabbli, u m'hemm xejn kuntrarju għal-liġi b'tali kariga. Anzi, b'din il-kariga l-kumpannija tkun qiegħda tikkonsolida l-pożizzjoni tagħha u tassigura ruħha li timxi b'mod konformi mal-*ISPS Code;

5. *Illi kuntrarjament għal dak li jidher li qed jifhem ir-rikorrenti, ir-rwol ta'* Chief of Security and Senior PFSO *m'hu se jnaqqas xejn mir-rwol u l-obbligi preżenti awżiljari li r-rikorrenti għandu fil-kumpannija bħala* Port Facility Security Officer *u dan m'hu bl-ebda mod sejjer jirrendi l-pożizzjoni tiegħu superfluwa;*

6. *Illi inoltre mhuwiex minnu li hemm min ġià ġie appuntat għal din il-kariga, iżda kif ġie ammess mir-rikorrenti nnifsu f'din it-talba, ħarġet* Internal Vacancy, *u se*

*tiġi wkoll segwita l-proċedura neċessarja għal dan l-iskop. Tajjeb jingħad li r-rikorrenti lanqas biss applika għal din l-*internal call for applications;

7. *Illi inoltre għalkemm irrilevanti għall-fini ta' din it-tabla, huwa wkoll għal kollox kontestat li r-rikorrenti dejjem qeda d-doveri tiegħu kif meħtieġ. Tant hu hekk li saru u għadhom għaddejjin anki proċeduri dixxiplinari fil-konfront tiegħu minħabba n-nuqqas tiegħu li jottempora ruħu mal-istess doveri tiegħu.*

*Għaldaqstant, is-soċjetà intimata titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal Industrijali sabiex jiddikjara (i) fl-ewwel lok u b'mod preliminari l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal biex jisma', jittratta u jiddeċiedi dan il-każ; u (ii) fit-tieni lok u fil-mertu, li t-talbiet rikorrenti mhumiex ġustifikati fil-mertu tagħhom."*

## Id-deċiżjoni appellata

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

*"**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*Il-kwistjoni odjerna hija msejsa fuq allegazzjoni ta' trattament abbużiv u/jew diskriminatorju. Intant dan it-Tribunal ser jgħaddi sabix janalizza l-fatti hekk relevati matul il-proċeduri, in linea mat-talbiet rikorrenti.*

*Qabel xejn, qiegħed jiġi ippreċiżat illi t-talbiet rikorrenti jirrigwardaw biss talbiet sabiex dan it-Tribunal isib li kien hemm azzjoni abbużiva, illeċita u/jew diskriminatorja fir-rigward tas-sejħa għall-irwol ta' Chief of Security and Senior PFSA, flimkien ma' talbiet oħra relatati mar-ritorn għall-*istatus quo ante *tar-rikorrent fir-rigward tal-kwistjoni bejn dan l-irwol u dak ta' PFSA (tiegħu). Fis-sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent iqajjem allegazzjoni ta' vittimizzazzjoni, u anke jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jindaga dwar kwalunkwe ksur ill seta' sar fir-rigward tal-ftehim kollettiv viġenti rigward l-azzjoni dixxiplinarja inkwistjoni, jew almenu n-nuqqas tagħha. Madankollu, talbiet speċifici f'dan ir-rigward ma sarux fir-rikors promotur. B'hekk dan it-Tribunal ma jistax jiddeċiedi fuq talbiet relatati ma' materja oltre minn dak relatat mas-sejħa għall-irwol ta' Chief of Security and Senior PFSO speċfikament, għaliex it-talba għas-sejba ta' diskriminazzjoni fir-rikors promotur ma saritx b'mod ġenerali iżda fl-isfond speċifiku tas-sejħa għall-irwol referut. Għaldaqstant huwa l-allegat diskriminazzjoni fid-dawl ta' dan tal-aħħar biss li ser jiġi ttrattat minn dan it-Tribunal.*

*Primarjament, l-artikolu 26(1)(b) tal-Kap 452 jipprovdi s-segwenti:* "Ħadd ma jista', rigward impjegati li huma diġà fl-impieg tal-prinċipal, jassoġġetta dawk l-impjegati jew xi klassi ta' impjegati għal trattament diskriminatorju, fir-rigward ta' kondizzjonijiet ta' impieg jew tkeċċija". *Id-definizzjoni ta' trattament diskriminatorju taħt l-artikolu 2 tal-istess Kap 452 tipprovdi li dan ifisser* "kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika inkluża diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-istat konjugali, tqala, jew tqala potenzjali, sess, kulur, diżabilità, twemmin reliġjuż, opinjoni politika jew sħubija fi trade union, jew f'assoċjazzjoni ta' prinċipali".

*Fir-rigward ta' dawk li jissejħu* 'karatteristiċi protetti' *hekk kif indikati fl-istess definizzjoni fuq ikkwotata, ir-rikorrent ma indikax liema karatteristika huwa qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu bħala l-*'comparator' *li fuqha dan it-Tribunal għandu janalizza l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni. Inoltre, it-Tribunal fl-analiżi tiegħu tal-istess karatteristiċi ma jsib li l-ebda minnhom ma tkopri dak li qiegħed jallega r-rikorrent. B'danakollu wieħed lanqas ma jista' jiskarta l-fatt li d-definizzjoni ta' trattament diskriminatorju hija ferm aktar vasta minn hekk taħt il-Kap 452, u dan kif regolarment dedott mill-qrati tagħna, għaliex id-definizzjoni anke tkopri* "kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika". *Tali proviżjoni għaldaqstant tagħti lok ta' wisa' lil dan it-Tribunal sabiex janalizza f'iktar reqqa u b'iżjed libertà l-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrent verament kienx soġġett għal aġir diskriminatorju fis-sens aktar ġenerali, minkejja li ma jinstab li tapplika l-ebda karatteristika protetta. Dan ser jiġi analizzat fil-kuntest tal-fatti kif ġej.*

*L-allegata diskriminazzjoni, skont ir-rikorrent, hija kawża tal-fatti illi s-soċjetà intimata ħarġet sejħa interna għall-irwol ta' Chief of Security and PFSO, filwaqt li huwa kien diġà jħaddan l-istess rwol ta' PFSO, u li għaldaqstant tali sejħa saret b'mod diskriminatorju fil-konfront tiegħu.*

*Primarjament, dan it-Tribunal jinnota diversi punti kruċjali li huma essenzjali għall-analiżi tal-validità tat-talbiet rikorrenti ta' allegata diskriminazzjoni fir-rigward tas-sejħa inkwistjoni. L-ewwel nett, huwa ammess kemm mir-rikorrent innifsu u kif ukoll minn xhieda oħra rappreżentanti tas-soċjetà intimata illi l-irwol ta' PFSO li fih kien appuntat ir-rikorrent kien wieħed awżiljarju. Inoltre, huwa mifhum li l-irwol oriġinali tar-rikorrent fi ħdan is-soċjetà intimata kien dak ta'* Chief Officer*, u mhux ta' PFSO. Dan tal-aħħar ġie offrut lilu biss wara li kien ġja impjegat mas-soċjetà intimata. Jingħad ukoll li dan l-irwol kien jaqbel għalih minħabba kundizzjoni medika relatata ma' sieqù li għall-ħarsien tagħha kien ikun aktar għaqli li jnaqqas mill-ħin tiegħu fuq il-vapuri. Inoltre, l-unika kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti illi ġie ppreżentat f'dawn il-proċeduri jirrigwarda l-irwol ta' PFSO li ngħatalu skont kif fuq rilevat, u ġewwa fih l-*

*irwol ta' PFSO huwa speċifikament ikklassifikat bħala wieħed 'awżiljarju' (vide artikolu 2 tal-istess kuntratt:* 'on an auxiliary role basis", u artikolu 3: "...the role and functions of PFSO are exclusively considered as additional to the Employee's main employment role, that of Chief Officer). *Għaldaqstant jidher biċ-ċar li permezz ta' tali kuntratt għall-irwol ta' PFSO ma kien hemm l-ebda intenzjoni mill-partijiet li l-irwol ta' Chief Officer tar-rikorrent jiġi mitmum. Dan kollu huwa wkoll sostnut mill-fatt li l-ittra tal-konferma tar-rikorrent fl-irwol ta' PFSO (datata 19 ta' Jannar 2016) tindika biċ-ċar illi tali rwol huwa awżiljarju ("*the ancillary position of Port Facility Security Officer").

*Hawnhekk titqajjem il-kwistjoni ta' xi jfisser rwol* 'awżiljarju'. *Filwaqt li l-liġi ma tagħti l-ebda definizzjoni ta' dan, u wisq anqas ma tagħti l-ebda direzzjoni dwar kif rwoli ta' din in-natura għandhom jiġu regolati, huwa ben risaput li tali rwol awżiljarju huwa wieħed '*extra', *lil hinn minn l-irwol oriġinali tal-impjegat konċernat. Fil-fatt, Warren Grech (HR) jikkonferma li hemm impjegati oħra fi ħdan is-soċjetà intimata jħaddnu rwoli awżiljarji bl-istess mod. Filwaqt li r-rikorrent jikkontendi li huwa inġust li huwa ma jitħallasx għal dan l-irwol żejjed li huwa jwettaq, wieħed ma jistax jonqos milli jinnota li s-Sur Grech stqarr li kien hemm impjegati oħrajn bi rwoli awżiljarji li wkoll ma kinux jitħallsu għalihom.*

*Punt ieħor li ma jistax jiġi skartat huwa l-fatt li ħareġ matul ix-xhieda f'dawn il-proċeduri li l-irwol awżiljarju li ngħata lir-rikorrent ingħatalu fi żmien fejn is-sistemi tas-sigurtà tal-port innifsu kienu għadhom qed jiġu mfassla, ossia li l-qasam fl-intier tiegħu kien għadu qiegħed jiġi żviluppat. Intant, Joe Cordina (Chairman tas-soċjetà intimata) saħaq li eventwalment kien se jkun hemm bżonn li l-irwol ta' PFSO kellu jsir wieħed ta' natura* full-*time, kif il-fatt ġara permezz tas-sejħa sussegwenti li ħarġet fil-11 ta' Novembru 2016 għall-irwol ta' Chief of Security and Senior PFSO.*

*Ir-rikorrent jikkontendi li s-sejħa għall-irwol surreferit ikkostitwiet ksur lampanti tad-drittijiet tiegħu peress li kienet azzjoni diskriminatorja fil-konfront tiegħu, stante li huwa diġà kellu l-irwol ta' PFSO. Huwa fatt li r-rwol li għalih ħarġet is-sejħa huwa parzjalment differenti minn dak li kellu r-rikorrent, stante ż-żieda tan-nomenklatura 'Chief of Security', li fil-fatt hija r-raġuni li għaliha r-rikorrent jisħaq li ma kienx applika għall-irwol il-ġdid. B'danakollu, xorta waħda kien relatat mal-irwol tar-rikorrent peress li jinkorpora fih ir-rwol ta' PFSO, li apparti r-rilevanza tiegħu fi ħdan is-soċjetà intimata iġorr ukoll ċertu piż relatat mal-awtoritajiet marittimi tal-Istat, u anke mal-liġi nnifisha.*

*It-Tribunal sejjer sabiex janalizza jekk dan kollu huwiex inkwadrat mill-kwistjoni ta'* 'trattament diskriminatorju' *skont il-liġi, u jekk tali aġir fil-fatt jikkostitwixxi*

*trattament diskriminatorju. Filwaqt li d-definizzjoni ta' trattament diskriminatorju tippermetti ċertu wisa' fl-interpretazzjoni tagħha permezz tal-frażi* "kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika", *ma jistax jonqos li jrid jiġi ppruvat li fil-fatt kien hemm tali distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni kontemplata mil-liġi, u li din kienet diskriminatorja. Xorta waħda jibqa' l-fatt li minkejja li t-Tribunal mhuwiex kostrett li jibbaża kwalunkwe sejba ta' diskriminazzjoni fuq il-karatteristiċi protetti imsemmija fil-liġi, huwa meħtieġ illi jistabbilixxi li kien hemm xi forma ta' diskriminazzjoni per se u mhux sempliċiment trattament inġust.*

*Il-frażi* "kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika" *m'għandhiex tfisser li kwalunkwe aġir li jista' jitqies inġust għandu awtormatikament jikkostitwixxi trattament diskriminatorju. Sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm din l-istess diskriminazzjoni fil-kwistjoni odjerna, wieħed għandu jħares lejn dak li jipprovdi l-artikolu 26(2)(ċ) tal-Kap. 452, li hija l-provvożjoni rilevanti għall-fatti hekk kif ippreżentati. L-istess artikolu jipprovdi illi "*trattament diskriminatorju jinkludi...azzjonijiet li bihom il-prinċipal xjentement jimmaniġġa x-xogħol, iqassam il-biċċiet ta' xogħol jew mod ieħor jirranġa l-kondizzjonijiet tax-xogħol hekk li l-impjegat ikun assenjat status li manifestament ikun anqas favorevoli min oħrajn abbażi ta' trattament diskriminatorju".

*Sabiex ikun hemm diskriminazzjoni, it-Tribunal xorta waħda għandu janalizza jekk kienx hemm xi aġir li permezz tiegħu s-soċjetà intimata ttrattat lir-rikorrent b'xi mod differenti minn individwi oħra nonostante n-nuqqas ta' karatteristika protetta – fil-fatt l-istess artikolu 26(2)(ċ) jipprovdi li tali aġir, filwaqt li appartentament wiesa' fil-kuntest tiegħu, irid ikun "*abbażi ta' trattament diskriminatorju".

*Allura minkejja n-nuqqas ta' bżonn li jiġi ppreċiżat karatteristiku protetti f'dan ir-rigward, ċertu element ta' paragun irid ikun hemm xorta waħda. Filwaqt li l-artikolu 26(2)(ċ) jagħti ħjiel ta' rilevanza mal-kwistjoni odjerna, ma jistax jingħad li hemm xi tip ta' kompratur abbażi ta' liem dan it-Tribunal jista' jiddeċiedi illi s-soċjetà imxiet b'mod distint fir-rigward ta' kif ġabet ruħha mar-rikorrent, speċjalment tenut kont tal-fatt illi l-irwol tar-rikorrent kif imfassal (awżiljarju, flimkien mal-irwol oriġinali tiegħu) kien uniku u, fuq kollox, l-irwol lamentat li għalih ħarġet is-sejħa kien wieħed li wkoll kien ftit jew wisq differenti minn dak tar-rikorrent f'ċerti aspetti.*

*Wara li t-Tribunal ikkumpara l-fattispeċje tal-irwol tar-rikorrent u ta' dak* ta' *Chief of Security and PFSO, ikkunsidrati fil-kuntest globali tagħhom, jinnota li n-natura tal-irwol tar-rikorrent u dak ta' Chief of Security and Senior PFSO mhumiex direttament komparabbli u għaldaqstant iħalli lok ta' dubju serju fil-possibiltà li fil-fatt tista' tinsab xi forma ta' diskriminazzjoni. B'hekk, u strettament ai fini ta' diskriminazzjoni per se,*

*dan it-Tribunal ma jistax jgħid li s-sejħa hekk kif inħarġet ħolqot xi forma ta' diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent, għaliex diffiċli jsib li l-abbassament apparenti tal-irwol tar-rikorrent kien* "anqas favorevoli" *minn ta' ħaddieħor peress li ma hemmx individwi oħra ma' min jista' jinħoloq paragun ċert u inekwivoku f'dan ir-rigward (eż. ma kienx hemm PFSOs oħra li ma ġralhomx bħar-rikorrent, tenut kont tal-kuntest globali ta' kif żvolġa kollox).*

*Intant dan it-Tribunal huwa ferm konvint illi l-intenzjoni tal-leġislatur fil-proviżjoni* 'kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni illi ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika" *ċertament ma saritx sabiex tinkwadra* <u>*kwalunkwe*</u> *tip ta' aġir inġust illi jista' qatt isir fuq il-post tax-xogħol. Jingħad ukoll illi filwaqt li l-ġurisprudenza kkwotata mir-rikorrent fis-sottomissjonijiet tiegħu hija rilevanti in prinċipju, ma jistax jiġi skartat il-fatt li tali ġurisprudenza fil-maġġor parti tagħha lanqas biss kienet tirrigwarda l-allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni quddiem dan l-istess Tribunal, iżda kwistjonijiet ta' tkeċċija,* constructive dismissal, *jew intant anke każijiet ta' ksur ta' proviżjonijiet kuntrattwali (li fil-fatt inġiebu quddiem Qorti, u mhux quddiem dan it-Tribunal) u mhux dwar kwistjonijiet ta' sejba ta' diskriminazzjoni* per se. *Ma jistgħux jiġu mgħaġna flimkien punti li jirrigwardaw ksur ta' kundizzjonijiet kuntrattwali ma' atti diskriminatorji abbażi tal-wisa' mħollija mil-leġislatur fid-definizzjoni illi għoġbu jagħti lil din tal-aħħar. Il-parti tad-definizzjoni ta'* 'trattament diskriminatorju' *li tmur oltre mill-karatteristiċi protetti hija hemm sabiex impjegati jiġu mħarsa minn kwalunkwe trattament differenti li ma tkunx tidher li saret abbażi ta' wieħed minn tali karatteristiċi, iżda li xorta waħda tikkostitwixxi trattament differenzjali bejn individwi jew gruppi bħal pereżempju bejn ħaddiema ta' ċertu dipartimenti li jwettqu l-istess xogħol, iżda li jingħataw kundizzjonijiet differenti, u li bejniethom ċarament jista' jiġi konkluż li hemm forma ta' trattament distint bejn dawn iż-żewġ individwi jew gruppi li ħaqqhom* <u>*l-istess*</u> *trattament. Hemmhekk ċertament jista' jingħad li kapaċi jkun hemm lok għal sejba ta' diskriminazzjoni li mhijiex inkwadrata minn karatteristika protetta, għaliex xorta waħda hemm bażi fuqiex ċertu paragun jista' jsir. Madankollu fil-każ odjern, stante l-istatus awżiljarju tal-irwol tar-rikorrent, il-fatt li huwa żamm l-irwol ta' Chief Officer li kellu oriġinarjament (u dan anke skont il-kuntratt tal-PFSO mogħti lilu kif fuq riferut) u d-differenza fin-natura tal-irwol ta' Chief of Security and Senior PFSO (imqar fil-fatt li dan tal-aħħar kellu jsir wieħed* full-time*) ma ġiex muri li kien hemm xi paragun espliċitu li dan it-Tribunal jista' jsejjes fuqu konferma li fil-fatt kien hemm xi diskriminazzjoni."*

**L-Appell**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fis-17 ta' Frar, 2023, fejn qiegħed jitlob għat-tħassir u għar-revoka tad-deċiżjoni appellata u għal dikjarazzjoni li t-talbiet tiegħu huma ġustifikati u għandhom jintlaqgħu. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) it-Tribunal warrab numru ta' talbiet mingħajr ġustifikazzjoni tajba; (b) it-Tribunal ma kienx korrett meta ddikjara li s-sottomissjonijiet tiegħu kienu jmorru 'l hinn mit-talbiet tiegħu kif imfissra fir-rikors promotur; (ċ) it-Tribunal applika l-liġi ħażin għall-fatti tal-każ, meta warrab l-prinċipju *pacta sunt servanda;* (d) id-deċiżjoni appellata tmur kontra l-liġi u l-ġurisprudenza stabbilita dwar dak li jikkostitwixxi *'trattament diskriminatorju'* skont il-Kap. 452; (e) huwa mhuwiex konvint li t-Tribunal ittratta l-argumenti u s-sottomissjonijiet tiegħu kollha; (f) kuntrarjament għal dak li qal it-Tribunal, il-ġurisprudenza ċitata minnu hija kollha rilevanti; u (ġ) it-Tribunal ma kienx korrett meta applika l-artikolu 27 tal-Kap. 452 meta s-sitwazzjoni kienet tinkwadra ruħha taħt l-artikoli 26, 28 u 29 ta' dik il-liġi.

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fis-6 ta' Marzu, 2023 fejn preliminarjament irrilevat li l-appell odjern ma sarx fuq punt ta' liġi kif jitlob l-artikolu 82 tal-Kap. 452, iżda huwa wieħed frivolu magħmul fuq argument dwar l-applikazzjoni tajba jew ħażina u/jew l-interpretazzjoni tal-fatti tal-każ odjern. Dwar il-mertu, tissottometti li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell intavolat mill-appellant għar-raġunijiet li hija tfisser fir-risposta tagħha, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn sabiex tistħarreġ jekk l-appell sarx skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Jekk tassew kif tirrileva s-soċjetà appellata, l-appell odjern ma sarx fuq punt ta' liġi kif jirrikjedi dan is-subartikolu, il-Qorti għandha mill-ewwel tiddikjarah inammissibbli.

9. Tikkunsidra li s-soċjetà appellata qiegħda tirrileva li l-ewwel aggravju tal-appellant m'għandu l-ebda bażi legali u huwa żbaljat. Tgħid li skont l-artikolu 75 tal-Kap. 452, it-Tribunal m'għandux il-kompetenza li jinvestiga jekk is-sejħa nterna kinitx waħda illeċita u abbużiva kif allegat. Iżda fejn imbagħad it-Tribunal sab li s-sejħa nterna ma saritx b'mod diskriminatorju, huwa ma kienx marbut li jikkunsidra iktar din is-sejħa in kwistjoni. B'hekk ukoll tgħid kien korrett meta ma kkonsidrax it-tieni talba tal-appellant u anki t-tielet talba tiegħu. Tissottometti li din il-Qorti għandha twarrab l-argument fallaċi u legalment skorrett tal-istess appellant fir-rigward tar-regolament 10 tar-Regolamenti dwar Kundizzjonijiet tax-Xogħol, għaliex dan l-argument qatt ma sar quddiem it-Tribunal, u għaliex il-każ odjern ma jittrattax bidla fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu, iżda jittratta allegata diskriminazzjoni min-naħa tagħha meta naqset milli tagħżlu għar-rwol ta' *Chief of Security and Senior PFSO,* fejn saħansitra huwa ma kienx applika għas-sejħa nterna. Dwar it-tieni aggravju, is-soċjetà appellata tissottometti li dan għandu jiġi skartat, għaliex ikompli fuq ir-rimedju mitlub fl-ewwel talba tiegħu. Tgħid li t-tielet aggravju huwa wieħed tassew konfuż iżda ma jittrattax xi punt ta' liġi, u għalhekk għandu jiġi skartat. Is-soċjetà appellata tgħid li permezz tat-tielet talba tiegħu, l-appellant qiegħed jittenta jattakka l-applikazzjoni tal-kunċett ta' trattament diskriminatorju kif miżmum

mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. Tirrileva li l-appellant għal darb'oħra jagħmel riferiment għad-deċiżjonijiet skartati mit-Tribunal, u effettivament l-aggravju tiegħu fih diversi aggravji oħra, iżda mingħajr ma jispjega kif l-argumenti u d-deċiżjoni tat-Tribunal huma legalment żbaljati. Tgħid li min-naħa tagħha hija taqbel għal kollox mar-raġunar tat-Tribunal kif imfisser a *fol.* 8 *et seq.* tad-deċiżjoni appellata. Dwar il-ħames u s-sitt aggravji, is-soċjetà appellata tikkontendi li dawn ma jittrattaw l-ebda punt ta' liġi, filwaqt li s-seba' aggravju tiegħu jkompli l-argument magħmul taħt it-tieni aggravju, fejn dak li qed jingħad mhux ċar u m'hemm l-ebda ness loġiku fl-argument imressaq mill-appellat.

10. Il-Qorti tikkunsidra li mingħajr dubju ta' xejn, it-tielet aggravju tal-appellant ma jikkunsidra l-ebda punt ta' liġi, iżda biss argument dwar dak li għandu jfisser il-kuntratt tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellata. Għaldaqstant issib li dan l-aggravju mhuwiex ammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.

Fil-fehma tal-Qorti, anki l-ħames aggravju, ma jolqot l-ebda punt ta' liġi. L-appellant hawnhekk qiegħed jilmenta li huwa mhuwiex konvint li t-Tribunal ikkunsidra l-argumenti u s-sottomissjonijiet tiegħu kollha, b'dana li mill-ewwel jidħol f'kwistjonijiet li jolqtu l-fatti waħedhom u kif dawn ittrattahom jew kellu jittrattahom it-Tribunal. Għalhekk anki dan l-aggravju mhuwiex ammissibbli.

11. Dwar l-ewwel u t-tieni aggravju, il-Qorti tgħid li dawn ma jolqtux il-mertu iżda jittrattaw kwistjonijiet oltre, u għalhekk tgħid li għandha tikkunsidra jekk l-appellant hawnhekk għandux raġun. Dwar l-ewwel aggravju tgħid li l-appellant għandu raġun jikkontendi li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-ewwel parti tal-

ewwel talba tiegħu. Iżda l-Qorti tagħraf li t-Tribunal kien saħansitra miżmum milli jittratta l-kwistjoni sollevata f'din l-ewwel parti tal-ewwel talba tiegħu, u dan għaliex din ma tinkwadrax fil-parametri tal-kompetenza tiegħu kif stabbiliti permezz tas-subartikolu 75(1) tal-Kap. 452. Tqis li tali kompetenza mhijiex waħda assoluta iżda hija delineata permezz tad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu li m'hemmx dubju dwar il-fatt li ma jkoprux it-talba tal-appellant in kwistjoni. Iżda l-appellant jilmenta hawnhekk li t-tieni talba tiegħu wkoll twarrbet mit-Tribunal mingħajr ma ġiet ittrattata. Il-Qorti tikkunsidra li d-deċiżjoni tat-Tribunal li jiskarta din it-tieni talba kienet konsegwenza loġika tal-fatt li huwa ma kienx sab ġustifikat l-ilment ta' diskriminazzjoni mressaq mill-appellant fil-konfront tas-soċjetà appellata. L-istess jingħad dwar it-tieni aggravju, fejn it-Tribunal ma setax jidħol fil-mertu tat-tielet talba tal-appellant ġaladarba ma kkonstata l-ebda diskriminazzjoni min-naħa tas-soċjetà appellata.

Dwar <u>ir-raba' aggravju</u> tal-appellant, il-Qorti tikkunsidra li huwa qiegħed hawnhekk jippreżenta argument legali dwar it-tifsira li t-Tribunal kellu jagħti tal-kliem *"trattament diskriminatorju"*. Huwa jargumenta li l-aġir tas-soċjetà appellata li huwa qiegħed jilmenta minnu, huwa wieħed kopert mid-dispożizzjonijiet tal-L.S.452.95, u t-Tribunal ma kienx korrett meta irrileva li sabiex trattament jiġi meqjus bħala diskriminatorju jeħtieġ li f'kull ċirkostanza jkun hemm paragun ma' komparatur. Huwa jgħaddi sabiex jagħmel riferiment u jiċċita silta mis-sentenza tas-26 ta' Marzu, 2010 ta' din il-Qorti kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Paul Borg *vs.* APS Bank Ltd**, u jissottometti li hawnhekk tqum il-mistoqsija jekk min iħaddem għandux il-poter li jimmodifika l-mansjoni tal-impjegat tiegħu kif oriġinarjament miftehma. Iżda l-Qorti tirrileva li fir-rikors promotur l-ewwel talba tal-appellant għal dikjarazzjoni ta' diskriminazzjoni

saħansitra ma tolqotx il-bidla fil-kundizzjonijiet jew 'mansjoni' tiegħu bħala mpjegat tas-soċjetà appellata, iżda din espliċitament titlob dikjarazzjoni ta' diskriminazzjoni fil-konfront tas-sejħa nterna li saret għall-pożizzjoni ta' *Chief of Security and Senior PFSO.* Għaldaqstant il-Qorti ma tarax li dan l-aggravju jista' jirnexxi, u tiċħdu.

Permezz tas-sitt aggravju tiegħu, l-appellant qiegħed jikkontendi li għall-kuntrarju ta' dak li qal it-Tribunal, il-ġurisprudenza ċitata minnu hija rilevanti għall-każ odjern. Wara li l-Qorti fliet il-ġurisprudenza ndikata fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu quddiem it-Tribunal, tagħraf li dan tal-aħħar kellu raġun jgħaddi dan il-kumment, għaliex tassew il-fatti tad-deċiżjonijiet indikati xejn ma jixbhu dawk tal-każ odjern. Dwar l-osservazzjoni magħmula mit-Tribunal li *"[m]a jistgħux jiġu mgħaġna flimkien punti li jirrigwardaw ksur ta' kundizzjonijiet kuntrattwali ma' atti diskriminatorji ...",* il-Qorti tgħid li t-Tribunal kellu raġun għaliex kif sewwa irrileva, ilmenti dwar ksur ta' kundizzjonijiet kuntrattwali ma jaqgħux fil-kompetenza tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx dan l-aggravju ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

Is-seba' aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal ma kienx korrett meta applika r-rekwiżiti assoluti taħt l-artikolu 27 tal-Kap. 452 għal sitwazzjonijiet li jinkwadraw taħt l-artikolu 26, 28 u 29. Il-Qorti tibda billi tgħid li ma tifhimx kif l-appellant qiegħed jagħmel distinzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 27 u dawk tal-artikolu 26, stante li skont hu dan tal-aħħar ma jitlobx li l-impjegati jkunu fl-istess klassi. Tirrileva li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 26 ma jistgħux jinqraw b'dan il-mod, u huwa ċar li l-intendiment tal-leġislatur kien li d-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw kemm fejn m'hemmx diversi klassijiet ta'

mpjegati u kemm fejn hemm. Mhux biżżejjed li l-persuni konċernati jkunu mpjegati mal-istess prinċipal sabiex japplika l-para. (b) tas-subartikolu 26(1) tal-Kap. 452, iżda jekk hemm diversi klassijiet ta' mpjieg, huma għandhom ikunu fl-istess klassi, u d-diskriminazzjoni allegata għandha tkun marbuta ma' kundizzjonijiet tax-xogħol jew ma' tkeċċija. Hawnhekk il-Qorti terġa' tfakkar li l-ewwel talba tal-appellant kif imfissra fir-rikors promotur quddiem it-Tribunal kienet marbuta mas-sejħa nterna li saret mis-soċjetà appellata għall-impjieg ta' *Chief of Security and Senior PFSO,* u għalhekk il-para. (b) tas-subartikolu 26(1) tal-Kap. 452 mhuwiex applikabbli għall-każ odjern. Għal dak li jirrigwarda l-artikoli 28 u 29, dawn ukoll mhumiex applikabbli stante li jikkontemplaw ċirkostanzi ta' vittimizzazzjoni u ta' fastidju, li mhumiex qegħdin jiġu allegati hawnhekk mill-appellant, u għalhekk ukoll ma tistax tiġi nvokata l-protezzjoni tagħhom. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx dan l-aggravju ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u tal-ħames aggravji tal-appellant, tiċħad il-kumplament tal-appell tiegħu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, u dawk ta' din l-istanza għandhom jitħallsu fl-intier tagħhom mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**